



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 9 ta' Frar 2008 (12.02)
(OR. fr)**

16943/08

LIMITE

PV/CONS 82

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **L-2914-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 2008**

Laqgħa dwar l-Affarijiet Ġenerali

¹ Fl-addendum 1 ta' dawn il-minuti hemm informazzjoni dwar l-adozzjoni definittiva tal-atti tal-Kunsill li jistgħu jinħarġu għall-pubbliku.

INDIĊI

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-lista tal-punti "A"	3
3.	Riżoluzzjonijiet, opinjonijiet u deċiżjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew matul is-sessjoni tiegħu fi Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008	4
4.	Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008	5
5.	Tkabbir.....	5
	ANNESSE	6

o

o o

Laqgħa dwar l-Affarijiet Ġenerali

1. Adozzjoni tal-aġenda

dok. 16682/08 OJ/CONS 72

Il-Kunsill adotta l-aġenda ta' hawn fuq.

2. Approvazzjoni tal-lista tal-punti "A"

dok. 16687/08 PTS A 64

Il-Kunsill approva l-punti "A" elenkati fid-dokument 16687/08.

L-addendum 1 għal dawn il-minuti fih informazzjoni dwar il-punt 31.

Il-Kunsill talab li jkunu inklużi d-dikjarazzjonijiet dwar il-punt "A" 10 (Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari) u l-punt "A" 18 (Linji Gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom). Barra minn hekk, id-delegazzjoni Taljana għamlet dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti dwar il-punt "A" 42 (Adozzjoni ta' Deċizzjoni tal-Kunsill li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill) (ara l-Anness).

Ir-referenzi għad-dokumenti rigward il-punti 6, 10, 16, 28, 29, 35, 38 u 39 huma dawn li ġejjin:

Punt 6: dok. 16751/08 PESC 1633 COSDP 1130
+ **COR 1 (pl)**
+ **REV 1 (mt)**
+ **REV 2 (en)**
+ **REV 2 COR 1 (en)**
+ **REV 3 (cs)**

Punt 10: dokumenti 15973/08 PESC 1523 COARM 100 CODUN 50
15972/1/08 **REV 1** PESC 1522 COARM 99 CODUN 49

- Punt 16:** dokumenti 15511/08 COPOL 78 CONOP 81 ATO 100
+ **COR 1 (fr)**
+ **AMD 1 (fr)**
15571/08 COPOL 83 CONOP 88 ATO 101
- Punt 28:** dok. 16715/2/08 **REV 2** COASI 225 ASIE 123 PESC 1630
COPOL 93 COTER 94
- Punt 29:** dok. 16793/2/08 **REV 2** COASI 228 ASIE 125 PESC 1636
COPOL 95 COTER 96
- Punt 35:** dokumenti 14365/1/08 REV 1 SID 26 NIS 142
14366/08 SID 27 NIS 143
+ **REV 1 (sl)**
- Punt 38:** dokumenti 16117/08 CORDROGUE 86 SAN 282 ENFOPOL 238 RELEX
945
+ COR 1
16116/08 CORDROGUE 85 SAN 281 ENFOPOL 237 RELEX 944
+ COR 1
+ **COR 2 (pt)**
+ REV 1 (de)
- Punt 39:** dokumenti 15585/08 TEXT 18 NIS 152 COEST 278
15586/08 TEXT 17 NIS 151 COEST 277
+ **COR 1 (mt)**
+ REV 1 (sl)

3. **Riżoluzzjonijiet, Opinjonijiet u Deċiżjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew matul is-sessjoni tiegħu fi Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008**

dok. 16186/08 PE-RE 18

Il-Kunsill ħa nota tar-Riżoluzzjonijiet, id-Deċiżjonijiet u l-Opinjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew fis-sessjoni parzjali tiegħu msemmija hawn fuq, li ttieħed jew li ser jittieħed kont tagħhom fil-konsiderazzjoni tal-kwistjonijiet li huma relatati magħhom.

4. **Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008**

- Abbozz ta' konklużjonijiet
dok. 16864/08 POLGEN 137

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet propost mill-Presidenza

5. **Tkabbir**

- abbozz ta' konklużjonijiet
dok. 16876/08 ELARG 127

Abbażi tal-ħidma tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (dok. 16876/08) u wara skambju ta' fehmiet, il-Kunsill adotta xi konklużjonijiet dwar it-tkabbir fit-termini mniżżlin fid-dok. 16981/08.

DIKJARAZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIDDAĦĦLU FIL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dwar il-punt 10 tal-lista tal-punti "A":

Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

"Il-Kunsill jissottolinja li l-Pożizzjoni Komuni li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari tirrinforza l-valur tar-regoli li jirregolaw f'dan il-qasam ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjiżi terzi destinatariji attwali jew potenzjali ta' dawn l-esportazzjonijiet.

Huwa jieħu nota li din il-Pożizzjoni Komuni tikkostitwixxi strument li jgħin fl-implimentazzjoni ta' politika responsabbli, xabiex jiġi evitat b'mod partikolari li dawn l-esportazzjonijiet ma jintużawx għal finijiet ta' ripressjoni interna jew ta' aggressjoni internazzjonali jew jikkontribwixxu għall-instabbiltà reġjonali.

F'din l-okkażjoni, il-Kunsill ifakkar fil-Linji Gwida li kien adotta fit-8 ta' Diċembru 2003 u li emenda fit-2 ta' Diċembru 2005 dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (dok. 15114/05).

Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni tirrinforza l-kredibbiltà tal-UE fil-promozzjoni ta' trattat dwar il-kummerċ fl-armi. Hija turi l-fattibbiltà ta' ftehim dwar l-iżvilupp ta' strument legalment vinkolanti, mingħajr mal-Istati jiġu miċħuda mill-prerogattiva li tikkonsisti fl-awtorizzazzjoni jew l-interdizzjoni ta' esportazzjonijiet individwali, u tikkonferma l-effikaċja u l-effettività ta' mekkaniżmu multilaterali dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet.

Dwar il-punt 18 tal-lista tal-punti "A":

Linji Gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

"Il-Kunsill jenfasizza li l-lingwaġġ dwar il-kwistjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva użat fil-linji gwida attwali (Kapitolu 3.2.7.1 punt c), ma jistax iservi ta' preċedent u ma jista' jiġi applikat f'ebda każ fil-futur waqt diskussjonijiet ġodda dwar l-istess suġġett."

Dwar il-punt 42 tal-lista tal-punti "A":

**Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill
– Aġġornament tat-tabella rigward il-popolazzjoni tal-Istati Membri għas-sena 2009**

DIKJARAZZJONI TAL-ITALJA

"L-Italja tikkunsidra li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill sabiex timplimenta l-Artikolu 205(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea m'għandhiex titqies bħala preċedent għad-definizzjoni jew l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "popolazzjoni" b'referenza għall-maġġoranza kwalifikata fil-qafas tat-Trattat il-ġdid ta' Lisbona.

Għaldaqstant l-Italja tisħaq il-ħtieġa li jinbeda, fi żmien debitu, dibattitu dwar il-kriterji li abbażi tagħhom għandu jiġi ddeterminat il-kunċett ta' "popolazzjoni Ewropea" ladarba t-Trattat il-ġdid jidħol fis-seħħ."

=====